# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-17 ta' Marzu 2016

Talba Numru: 727/2015

Numru fuq il-Lista: 4

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Brian Vella K.I. 559379 (M)**

It-**Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi ippreżentat fid-9 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' disa' mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€936.67) liema ammont huwa in konnessjoni ma' Bundle 5 Service Agreement bl-akkont numru *A/C 40094483*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma ppreżentax risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fis-7 ta' Marzu 2016.

Illi fl-istess seduta sema' lill-konvenut jixhed bil-ġurament fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' disa' mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€936.67).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi fi tliet pagamenti mensili, u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett tal-ammissjoni tiegħu kif ukoll tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta` attriċi is-somma ta' disa' mija u sitta u tletin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€936.67), liema somma għandha titħallas fi tliet pagamenti mensili. Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

L-imgħax legali jiddekorri mid-data ta' kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur